Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1371/00

Grima Communications Limited

Vs

Maurice Saliba

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta konvenuta talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u zewg liri u erbghin centezmu (Lm302.40c) liema somma tirrapprezenta il-bilanc ta' prezz ta' reklami illi xxandru fuq l-istazzjon Live FM fuq inkarigu u ghall-beneficcju tieghu, matul Lulju u Ottubru tal-1998 u dana skond kuntratt iffirmat minnu hawn anness u mmarkat Dok SM1.

Bl-ispejjez inkluz l-imghaxijiet legali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Joseph Grima u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tnejn liri Maltin u erbghin centezmu (Lm302.40) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 t'Ottubru 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg